

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' April 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2009/296/KE li tistabbilixxi programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni marbut mal-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2060)

(2010/210/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli ta' Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 95 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn fl-Atlantiku (ICCAT) fl-2006 adottat pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran (Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 06-05), li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Ġunju 2007. Dak il-Pjan għall-Irkupru ġie traspost f'leġiżlazzjoni tal-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1559/2007 ⁽²⁾.

(2) Fl-24 ta' Novembru 2008 l-ICCAT adottat ir-Rakkomandazzjoni 08-05, li temenda ir-Rakkomandazzjoni 06-05. Dik ir-Rakkomandazzjoni ġiet trasposta f'leġiżlazzjoni tal-Komunità bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 tas-6 ta' April 2009 li jstabbilixxi pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 43/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1559/2007 ⁽³⁾.

(3) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tar-Rakkomandazzjoni 08-05 tal-ICCAT, kien meħtieġ programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/296/KE ⁽⁴⁾ stabbiliet b'hekk programm speċifiku ta' kontroll u spezzjoni li jkopri perjodu ta' sentejn (2) (mill-15 ta' Marzu 2009 sal-15 ta' Marzu 2011).

(4) Fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2009/296/KE, it-Taqsima intitolata "Kompiti ta' Spezzjoni" għandha tiġi aġġornata biex tirrifletti l-provvedimenti tar-Regolament (KE) Nru 302/2009.

(5) Waqt il-laqgħa annwali tagħha f'Novembru 2009, il-Kummissjoni tal-ICCAT iddeċidiet li ttejjeb l-effiċjenza tal-ispezzjonijiet imwettqa taħt l-Iskema Internazzjonali tal-Ispezzjonijiet tal-ICCAT u din l-opinjoni adottat mudell ġdid għar-rapporti ta' spezzjoni.

(6) Id-Deċiżjoni 2009/296/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni ġew stabbiliti flimkien mal-Istati Membri kkonċernati.

(8) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2009/296/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri li l-ispetturi tagħhom jiskopru kwalunkwe ksur waqt spezzjoni tal-attivitàjiet elenkati fl-Artikolu 2, għandhom jinfurmaw lill-Partijiet li ġejjin dwar id-data tal-ispezzjoni u d-dettalji tal-ksur:

(a) L-Istat Membru tal-bandiera rilevanti u l-Kummissjoni, u fejn xieraq;

(b) L-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-istallazzjoni tal-farm jew l-impriża involuta fl-ipproċessar u/jew il-kummerċ tal-prodotti tat-tonn."

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 340, 22.12.2007, p. 8.

⁽³⁾ ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 80, 26.3.2009, p. 18.

(b) Il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“3. L-Istati Membri li l-ispetturi tagħhom josservaw attività jew kundizzjoni li tista' tikkostitwixxi ksur serju, kif definit fit-Taqsima I(1) tal-Anness VI għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (*), għandhom minnufih jinnotifikaw lill-Kummissjoni li imbagħad tinnotifika direttament lill-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, kif ukoll lis-Segretarjat tal-ICCAT.

(*) ĠU L 96, 15.4.2009, p. 1.”

(c) Fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza tinbidel b'dan li ġej:

“F'każ li ksur serju, kif definit fis-Sezzjoni I(1) tal-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 302/2009, jinstab abbord bastiment tas-sajd tal-Komunità, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jiżgura li, wara l-ispezzjoni, il-bastiment tas-sajd iwaqqaf kull attività ta' sajd.”

(d) Il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

“5. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li, jekk il-prosekuzzjoni ta' ksur tiġi trasferita lill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 86 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 (*), is-sigurtà u l-kontinwità ta' kwalunkwe evidenza tal-infrazzjoni ċitati mill-ispetturi tiegħu tkun garantita f'kull każ.

(*) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.”

(2) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima intitolata “Kompiti ta' Spezzjoni” hija emendata kif ġej:

(i) Il-punt 1.6(e) jinbidel b'dan li ġej:

“(e) li il-kaptan tal-bastiment tal-qbid u tat-tug jiżgura l-monitoraġġ tal-attivitajiet kollha tat-trasferiment b'kamera tal-vidjow fl-ilma.”

(ii) Il-punt 1.10(a) jinbidel b'dan li ġej:

“(a) li d-dokumentazzjoni hija preżenti u kkompletata u rrapportata kif xieraq (dokumenti tal-qbid u ċertifikat tar-riesportazzjoni tat-tonn, dikjarazzjoni tat-trasferiment, dikjarazzjoni tal-qbid mill-gaġeġ, dikjarazzjoni tat-trażbord);”

(b) it-Taqsima intitolata “Rapport ta' Spezzjonijiet” titbiddel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni

Maria DAMANAKI

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

RAPPORTI TA' SPEZZJONIJIET ICCAT

IR-Rapport ta' Spezzjoni Nru ...

1. Spettur(i) Xhud tal-ispettur
- 1.1. Isem Isem
- 1.2. Nazzjonalità Nazzjonalità
- 1.3. Partijiet Kontraenti Partijiet Kontraenti
- 1.4. Numru tal-Karta tal-Identità ICCAT Numru tal-Karta tal-Identità ICCAT
2. Bastiment li jinsab fuqu l-Ispettur
- 2.1. Isem u Reġistrazzjoni
- 2.2. Bandiera
3. Bastiment spezzjonat
- 3.1. Isem u Reġistrazzjoni
- 3.2. Bandiera
- 3.3. Kaptan (Isem u Indirizz)
- 3.4. Sid il-bastiment (Isem u Indirizz)
- 3.5. Numru tar-Reġistrazzjoni ICCAT
- 3.6. Tip ta' bastiment
4. Pożizzjoni
- 4.1. Kif determinat mill-ispettur: Lat. Long.
- 4.2. Kif determinat mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd: Lat. Long.
- 4.3. Ħin (GMT) meta ġiet irreġistrata l-pożizzjoni:
5. Data (jj/xx/ssss)
6. Ħin
- 6.1. Tal-wasla abbord
- 6.2. Tat-tluq mill-bastiment
7. Irkaptu tas-sajd abbord
- Purse seine Qasab u xliet (Dgħajjes tas-sajd)
- Bil-konz Xolfa tat-trejji
- Oħrajn (speċifika) Għadd ta' gaġeġ:
- Irmunkar tal-gaġeġ Iva Le
8. Dikjarazzjoni tar-ritratti meħuda b'deskrizzjoni tas-suġġetti:
9. Lista ta' dokumenti spezzjonati u kummenti:
- 9.1. Ġurnal ta' abbord: Iva Le Ksur Iva Le
- 9.2. BCD Iva Le Ksur Iva Le
- 9.3. Dikjarazzjoni tat-trasferiment/trażbord
- Iva Le Ksur Iva Le
- 9.4. Oħrajn (speċifika)

10. Riżultati tal-ispezzjoni tal-ħut abbord:

10.1. Speċijiet osservati abbord

Speċi				
Qabda totali (kg)				
Sors tal-informazzjoni				
Tip ta' prodott				
Kampjun spezzjonat				
% Taħt id-daqs minimu				

10.2. Speċijiet iddikjarati fil-gaġġa/gaġeġ

Nru tad-dokument tat-trasferiment Data tal-ewwel trasferiment

Farm tad-Destinazzjoni

Isem tal-bastiment tal-qbid

Nru ICCAT

Nru tal-gaġġa Speċi Għadd ta' ħut individwali Piż (kg)

11. Ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT osservat (deskrizzjoni tal-ksur b'invokazzjoni tar-referenza legali, u jekk tinsab infrazzjoni(jiet) serja/i, jekk jogħġbok imla l-paġna meħmuża)

.....

12. Kummenti tal-ispettur (uża karta komplimenti kif meħtieġa biex tispeċifika: "anness għar-rapport tal-ICCAT numru xxx")

.....

13. Firma tal-ispettur Firma tax-xhud

14. Isem l-osservatur, kummenti u firma

.....

15. Isem il-kaptan, kummenti u firma

.....

Infrazzjoni Serja Osservata

Isem il-bastiment:

Bandiera tal-bastiment:

Numru tal-ICCAT:

- sajd mingħajr liċenzja, permess jew awtorizzazzjoni maħruġ mill-PKK tal-bandiera;
- in-nuqqas ta' żamma ta' reġistri suffiċjenti ta' dejta dwar il-qabdiet u relatata mal-qabdiet skont ir-rekwiżiti ta' rappurtar tal-Kummissjoni jew rappurtar ħażin ta' dejta bħal din dwar il-qabdiet u/jew relatata mal-qabdiet;
- sajd f'żona magħluqa;
- sajd waqt staġun magħluq;
- it-teħid jew iż-żamma intenzjonali ta' speċijiet bi ksur ta' kwalunkwe miżura applikabbli ta' konservazzjoni u ġestjoni adottata mill-ICCAT;
- infrazzjoni sinifikanti tal-limiti tal-qbid jew kwota fis-seħħ skont l-ICCAT;
- l-użu ta' rkaptu pprojbit tas-sajd;
- il-falsifikazzjoni jew il-ħabi intenzjonali tal-marki, l-identità jew ir-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd;
- il-ħabi, it-tbagħbis jew it-twarrib ta' xhieda li jkollha x'taqsam ma' investigazzjoni ta' infrazzjoni;
- infrazzjonijiet multipli li meħuda flimkien jikkostitwixxu nuqqas serju ta' osservanza tal-miżuri skont l-ICCAT;
- assault, reżistenza, intimidazzjoni, fastidju sesswali, indħil ma' jew tfixkil jew dewmien żejjed ta' spettur jew osservatur awtorizzat;
- tbagħbis jew diżattivazzjoni intenzjonali tas-sistema tal-monitoraġġ tal-bastiment;
- sajd bl-assistenza ta' ajruplani ta' lokalizzazzjoni;
- indħil fis-sistema tal-monitoraġġ bis-satellita u/jew operazzjonijiet mingħajr is-sistema VMS;
- l-attività tat-trasferiment mingħajr dikjarazzjoni tat-trasferiment;
- ieħor (speċifika)

Firma tal-ispetturFirma tax-xhud

Data
